**21 ta' Jannar, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

John Vella

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Arrest Illegali – Suspett Raġonevoli – Tfittxija Illegali – Libertà tal-Persuna – Kumpens Impjegat – Responsabbilità Personali**

*Kawża dwar vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu konnessa b'arrest u tfittxija illegali minn uffiċjali tal-Pulizija. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrenti u llikwidat kumpens. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti rriteniet li l-arrest u tfittxija magħmula kienu illegali għax ma kienx hemm suspett raġonevoli li jiġġustifikom. Il-kumpens illikwidat fir-rigward kien jieħu in konsiderazzjoni s-serjetà tal-vjolazzjoni kommessa u l-kumpless taċ-ċirkostanzi kollha li akkumpanjawha.*

*Inoltre l-Qorti rriteniet l-uffiċjal inkarigat personalment responsabbli in kwantu huwa aġixxa illegalment jew oltre d-doveri leġittimi tiegħu. L-istat jiggarantixxi solidalment dik ir-responsabbilità.*

1. Fit-2 ta' Diċembru, 1983, fis-1 p.m., John Vella ġie arrestat mill-Pulizija u ġie meħlus mill-arrest fil-11.10 a.m. ta' l-4 ta' Diċembru. Qabel ma ġie arrestat il-Pulizija għamlet perkwisizzjonijiet fid-dar tiegħu, 25, New Street, fil-ħanut tiegħu tal-laħam 61, Birzebbugia Street u fil-*garage* tiegħu 31 New Street – kollha f'Birżebbuġa. L-arrest u l-perkwisizzjonijiet saru fuq istruzzjonijiet ta' l-intimati;

2. Fuq dawn il-fatti huwa bbażat ir-rikors fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, li fih Vella jesponi illi dawn il-fatti vvjolawlu d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċiti fil-Kostituzzjoni – artikoli 34(1)(2) u 38 (kif enumerati llum) kif ukoll mill-Kodiċi Kriminali – illum artikoli 350(1), 352 u 353(1)(2). Għal dak li jirrigwarda l-arrest – (a) ma ngħatax ir-raġuni għalih, (b) ġie esegwit minn persuna li ma kellhiex id-dritt tagħmlu, (ċ) sar mingħajr ma kienx hemm raġunijiet legali biex jista' jsir, u (d) ġie mtawwal aktar minn dak li kien assolutament meħtieġ;

3. Ir-rikorrent għalhekk talab lil dik il-Qorti biex (a) tiddikjara li l-arrest esegit fuq l-ordnijiet ta' l-intimati sar bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 34(1) u (2) tal-Kostituzzjoni; (b) li l-perkwisizzjonijiet li saru fil-fond imsemmija jmorru kontra dak li hemm fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u (ċ) konsegwentement

għandha tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi sabiex jiġu rrimedjati dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu u tikkundanna lill-intimati biex iħallsuh il-kumpens dovut skond l-artikolu 34(4) (kif inhu llum);

4. L-intimati opponew illi (a) il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita l-kompetenza kostituzzjonali tagħha – artikolu 46(2) għaliex John Vella għandu rimedji oħra skond il-liġijiet ordinarji u (b) huma aġixxew skond il-liġi;

5. Fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar, 1984, il-partijiet qablu li ssir riferenza għall-provi li jsiru fil-kawża l-oħra pendenti dik in-nhar stess quddiem l-istess Qorti bin-numru tal-lista – 36 – sakemm dawn ikunu applikabbli. Din il-kawża hija r-Rikors 126/83 fl-ismijiet "Vincent Vella *et vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*" li fiha, fl-istess seduta ngħata digriet ta' konnessjoni tal-kawżi. Din l-aħħar kawża, qiegħda wkoll quddiem din il-Qorti ta' Appell u s-sentenza tagħha għadha kif ġiet ippronunzjata qabel din is-sentenza;

6. F'Novembru, 1987, dottor Lawrence Pullicino, li kien il-Kummissarju tal-Pulizija meta ġraw il-fatti allegati fir-rikors fl-1983, spiċċa minn dik il-kariga u fl-4 ta' April, 1988, issuċedieh, Alfred Calleja. Dan fit-30 ta' Mejju, 1988, a bażi tal-fatt li huwa fl-1983, lanqas biss kien membru tal-Korp tal-Pulizija, talab li:

"Sija l-kariga tal-Kummissarju tal-Pulizija kemm id-detentur attwali għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju";

7. Fid-9 ta' Ġunju, 1989, l-istess Kummissarju tal-Pulizija

l-ġdid, talab il-kjamata in kawża ta' dottor Lawrence Pullicino. Għandu jiġi nnotat però, li f'dan ir-rikors, magħmul f'isem "Il-Kummissarju tal-Pulizija" dan ma wera ebda konsistenza ġuridika proċedurali ma' dak stess li huwa espona fin-nota tiegħu msemmija tat-30 ta' Mejju, 1988, meta talab li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex l-espost f'dik in-nota kellu – kemm fiha u kemm f'kull att ieħor sussegwenti tiegħu, ikun ta' "Alfred Calleja, Kummissarju tal-Pulizija";

Kemm fil-kultura Ingliża, "*old habits die hard*" kif ukoll f'dik Taljana "*vecchie usanze tardano a morire*" dan magħruf, u milli jidher aħna qegħdin fl-istess ċirku;

8. Ir-rikorrenti oppona għaliex dehrlu, inspjegabbilment illi bil-kjamata, il-kawża "tibda mill-ġdid" u għaliex:

"Biex jissejjaħ (*recte* tissejjaħ) fil-kawża persuna fil-kwalità tagħha privata li mhux (*recte* mhix) (il-) leġittimu kontradittur (*recte* l-leġittima kontradittriċi) fil-ġudizzju";

Naturalment, nesa r-rikorrent, li huwa stess fir-rikors promotorju kien invoka l-artikolu 34(4) tal-Kostituzzjoni li tipprovdi direttament kontra l-**persuna** li tkun arrestat illegalment lil xi persuna oħra;

9. Intant din it-talba għall-kjamata in kawża baqgħet sospiża, billi l-Qorti la laqgħetha u lanqas ma ċaħditha;

10. Fit-30 ta' Jannar, 1992, dik il-Qorti ppronunzjat, iż-żewġ sentenzi li ż-żewġ kawżi konnessi kienu jirrikjedu;

Is-sentenza fir-rikors numru 126/1983, li għaliha,

naturalment, trid issir ampja riferenza, fiha eżami dettaljat minizzjuż u analitiku tal-provi prodotti mill-partijiet fiż-żewġ kawżi, u fiha hemm:

"Illi minn dan kollu joħorġu bħala ppruvati l-fatti li ġejjin:

*Omissis;*

1. Malli ġie biex jiġi arrestat dana ma ġie muri ebda ordni bil-miktub minn uffiċjali superjur tas-Surġent Maġġur Carmel Camilleri, li arresta lill-istess John Vella;

2. Fil-ħin ta' l-arrest tiegħu John Vella ma ġiex infurmat bir-raġuni ta' l-arrest;

3. Saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu mingħajr ma ġie muri l-ordni bil-miktub rikjest mill-artikolu 350(1) tal-Kodiċi Kriminali u mingħajr ma ngħata raġuni għat-tfittxija;

4. Il-perkwisizzjoni fid-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu saret meta huwa ma kienx preżenti;

5. Waqt iż-żmien ta' l-arrest tiegħu (viċin il-jumejn) huwa ġie interrogat darbtejn; l-interrogatorji ħadu, b'kollox, mhux inqas minn tliet kwarti ta' siegħa u mhux iżjed minn sagħtejn;

6. Ma tressqux provi mill-intimati biex jintwera:

(i) Illi l-intimati aġew fuq suspett raġonevoli illi John Vella kien ikkommetta jew kien sejjer jikkommetti, reat kriminali meta arrestawh;

(ii) Illi t-tfittixija fuq il-persuna ta' John Vella u fuq il-proprjetà tiegħu, u d-dħul fi ħwejġu kienu raġonevolment meħtieġa fl-interess tas-sigurtà pubblika jew ta' l-ordni pubbliku'';

F'dik is-sentenza mbagħad fuq il-fatti reċepiti, li sostanzjalment huma simili kemm fil-każ tar-rikorrent kif ukoll fil-każ ta' Vincent Vella, il-Qorti għaddiet biex tirraġuna fuq il-konsegwenzi ġuridiċi ta' l-istess fatti, liema konsiderazzjonijiet ġew applikati f'din is-sentenza billi l-Qorti kompliet u kkonkludiet hekk:

''Illi fil-kawża fl-ismijiet ''Vincent Vella *versus* Kummissarju tal-Pulizija *et*'' li ġiet ittrattata ħaġa waħda mal-kawża preżenti hemm riportati x-xhieda kollha li jinteressaw ukoll il-kawża preżenti;

Il-konsiderandi magħmula f'dik il-kawża u l-konklużjonijiet dwar fatti u liġi li hemm fis-sentenza ta' dina l-Qorti mogħtija llum stess japplikaw, sa fejn applikabbli, għall-kawża preżenti wkoll;

Għalhekk, u peress illi l-każ ta' John Vella għandu xi fattispeċji li jolqtu lilu biss u oħrajn komuni għall-każ tiegħu għal dak ta' ħuh, ir-rikorrent fil-każ l-ieħor, il-Qorti fil-ħin li tagħmel tagħha għall-fini ta' dina s-sentenza, flimkien ma' l-atti, dokumenti u provi li hemm fir-rikors ta' John Vella, il-provi kollha, l-atti u dokumenti li hemm fir-rikors ta' Vincent Vella, u partikolarment taddotta l-konsiderandi u konklużjonijiet kollha li hemm fis-sentenza fuq l-istess rikors mogħtija fil-każ ta' John Vella barra mill-każi ta' infrazzjonijiet ikkonstatati fir-rigward ta' Vincent Vella, hemm il-fatti illi:

1. John Vella ġie mfittex fuq il-persuna;

2. It-tfittxija saret ukoll fil-ħanut tal-laħam tiegħu, u fiż-żewġ garaxxijiet li huwa għandu;

F'kull wieħed minn dal-każi saret il-vjolazzjoni ta' l-artikolu tal-Kostituzzjoni li ssemmew f'dik is-sentenza;

Għal dawna l-motivi, il-Qorti tiddisponi mir-rikors ta' John Vella billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-arrest ta' John Vella fuq ordnijiet ta' l-intimati sar bi ksur ta' l-artikolu 34(1)(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi t-tfittxija li saret fuq ordnijiet ta' l-intimati fid-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu, fil-ħanut tal-laħam tiegħu, fiż-żewġ garaxxijiet tiegħu u fuq persuntu saru bi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba, tillikwida l-kumpens dovut lill-istess John Vella fis-somma ta' elfejn u ħames mitt lira Maltija (Lm2,500.00,0) li fuqha għandhom jgħaddu l-interessi legali mit-2 ta' Diċembru, 1983, u tikkundanna lill-intimati solidalment iħallsu lir-rikorrent is-somma hekk illikwidata u l-interessi fuqha; fir-relazzjoni interna bejn l-intimati dina s-somma għandha tinqasam ugwalment bejniethom;

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-intimati, nofs kull wieħed'';

11. Appella biss l-intimat Carmelo Bonello li avvanza l-

istess aggravji li ġew ittrattati fil-kawża l-oħra – u għalhekk, anki hawn għandha ssir id-debita riferenza għal dak li hemm f'dik is-sentenza;

12. Sussegwentement fit-trattazzjoni ta' l-appell l-avukat dottor Carmelo Mifsud Bonnici *(Senior)* issubentra għall-avukat dottor Joseph Brincat, fil-patroċinju ta' l-appellant, u dan avvanza aggravji oħra b'noti ta' sottomissjonijiet tat-30 ta' Ġunju, 1992 u tas-7 ta' Settembru, 1992, filwaqt illi r-rikorrent irrisponda l-ewwel nota fl-20 ta' Lulju, 1992;

13. Dawn il-konsiderazzjonijiet huwa in aġġunta għal dawk li hemm fis-sentenza li għaliha diġà saret riferenza, u jirrigwardaw jew amplifikaw fuq dawk, fejn din hija neċessarja minħabba dak li ġie espost b'mod aktar wiesgħa f'din il-kawża, da parti ta' l-appellant, jew dawk li japplikaw biss għal każ ta' John Vella;

(i) L-appellant jillamenta illi r-rikors isemmi li l-perkwisizzjonijiet saru fid-dar, fil-ħanut tal-laħam u fil-*garage* tar-rikorrent mentri fis-sentenza żdiedu – *garage* ieħor u tfittxija fuq il-persuna tar-rikorrent. B'hekk is-sentenza straripat biex b'hekk l-ammont ta' kumpens eċċeda b'ħames mitt lira (Lm500) dak li l-istess Qorti akkordat fir-rikors l-ieħor fil-konfront ta' Vincent Vella, li mingħajr l-addizzjonijiet, sofra bejn wieħed u ieħor l-istess estensjoni ta' perkwisizzjonijiet;

Dan il-lament m'huwiex fondat. Din il-Qorti diġà kellha l-okkażjoni li teżamina din is-sottomissjoni proċedurali fil-kawża deċiża fil-15 ta' Frar, 1991, fl-ismijiet "Edwin Bartolo *et vs* Aġent Reġistratur tal-Qrati *noe* li għaliha rrifera r-rikorrent fin-nota tiegħu ta' l-20 ta' Lulju, 1992;

Hemm ġie rritenut illi, fi proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali, **min-natura tagħhom stess,** jirrikjedu flessibbilità u ċerta libertà anki formali, basta naturalment jibqa' dejjem assodat u assikurat il-prinċipju li l-intimat – u anki r-rikorrent, fil-każijiet kongruwi – ma jbatux preġudizzju ta' dik il-ġustizzja proċedurali li mingħajrha, anki l-ġustizzja sostanzjali tispiċċa kompromessa. Intqal f'dik is-sentenza:

"Din il-liċenzja (proċedurali) tawtorizza l-Qorti li tmur *ultra petita* – u għalhekk l-intimati m'għandhomx raġuni li jillamentaw li s-sentenza appellata għamlet proprju hekk. Id-direttiva hija li d-deċiżjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqis xieraq u **mhux in konformità ma' dak li jitlob ir-rikorrent** – kif tobbliga l-proċedura normali";

Fil-każ preżenti ma jidhirx illi l-appellant ġie ppreġudikat mill-provi li saru fil-kawża li **żiedu** fin-numru l-perkwisizjonijiet lamentati mir-rikorrent u b'hekk **aċċentwaw l-inċidenza u l-impatt** ta' dak li sa dak il-mument li bdiet issir u, wara, saret il-prova, kien għadu biss qed jiġi kkunsidrat bħala allegat. Għalhekk hawnehkk is-sentenza appellata ma kkonċedietx "*ultra petita*" imma sempliċement aċċettat fatti li ġew ipprovati u li żiedet mal-fatti, **ta' l-istess specje u kategorija,** li kienu esposti fir-rikors. *Del resto,* rikors bħal dan, m'huwiex mistenni li jkun fih elenku eżawrjenti u komplet tal-fatti kollha rilevanti – basta jkollu dawk il-fatti essenzjali biex fuqhom jista' jinbeda l-proċediment;

(ii) L-appellant jillamenta li l-kumpens illikwidat huwa l-eċċessiv u dan għaliex donnu jidher li l-ewwel Qorti żiedet, ma' dak li llikwidat favur Vincent Vella fil-kawża konnessa, billi n-

numru tal-perkwisizzjonijiet li għadhom kif issemmew kien akbar fin-numru. *Di più* fuq il-perkwisizzjoni fid-dar, 25, New Street, l-appellant qed jiġi kkundannat li jħallas aktar minn kumpens wieħed;

Fuq l-ewwel parti ta' dan il-lament din il-Qorti tara illi għalkemm, meta tipparaguna ż-żewġ każijiet – dawk ta' Vincent Vella u ta' John Vella – fil-każ ta' dan ta' l-aħħar, il-perkwisizzjonijiet ikkomprendew ukoll il-ħanut tal-laħam, (billi l-perkwisizzjoni fuq il-persuna – la jkun hemm arrest, mhix element straordinarju), però din il-Qorti tħoss li din l-addizzjoni, fil-kwadru komplessiv tal-vjolazzjonijiet aċċertati l-kumpens akkordat, jiġġustifika l-addizzjoni ta' kwart (¼) fl-ammont illikwidat fil-każ ta' Vincent Vella, *stante* n-numru u anki l-kwalità ta' perkwisizzjonijiet li John Vella bata, aktar minn Vincent Vella;

Fuq it-tieni parti – dan il-lament mhux preċiż għaliex meta ssir perkwisizzjoni l-uffiċjal esekutant huwa obbligat li jinforma u javża – kif trid il-liġi – li kull min se jintlaqat b'dik il-perkwisizzjoni u li jkun preżenti waqt li ssir – barra naturalment il-persuna indizjata, li kif intqal, diġà fis-sentenzi ta' din il-Qorti – kemm f'dik tal-lum fil-kawża ta' Vincent Vella konnessa ma' din, kif ukoll f'dik tal-5 ta' April, 1991, fl-ismijiet Tonio Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*, – kull meta huwa possibbli, l-eżekutant għandu jipprokura l-presenza tiegħu, ta' l-eżekutat waqt it-tfittxija. Għalhekk, **kull persuna** li tkun preżenti u li għandha interess veru u reali f'dik il-perkwisizzjoni, tista' ssofri vjolazzjoni tad-drittijiet tagħha u konsegwentement għar-rimedju għal dak li sofriet;

(iii) L-appellant jinvita l-Qorti biex tikkonsidra l-operat

tiegħu fl-isfond ta' dak li kellu jagħmel f'dik l-epoka – "partikolarment, il-ħtieġa li l-Pulizija tidher li kienet tħoss li (qed) tikkonduċi kaċċa febbrili għall-armi, esplossivi u apparat tal-*wireless*. L-appellant jagħmel riferenza għall-"preokkupazzjoni tal-Korp tal-Pulizija dwar is-sigurtà u l-ordni pubbliku fil-pajjiż;

Din il-qorti, sfortunatament ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Huwa ċar u ċert li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija – kif xehed huwa stess – ħa interess normali u fietel – f'dawn l-investigazzjonijiet li kien qed jikkonduċi, f'ismu, l-appellant Bonello. U dan mhux konformi ma' dak li issa qed jiġi espost bħala operat investigattiv ta' primarja importanza fuq suspett ta' sedizzjoni u minaċċja serja għas-sigurtà ta' l-Istat. Anzi l-Qorti taħseb li dawn il-kwalità ta' addebiti – kif ravviżati – huma ta' natura serjissima u kienu jitolbu attenzjoni daqstant ieħor serjissima u investigazzjoni daqstant ieħor impenjattiva u serjissima. Mentri rriżulta għall-kuntrarju – attenzjoni normali (jekk mhux sempliċement ta' rutina) u investigazzjoni talment leġġiera li difatti tikkwalifika bħala sempliċement vessatorja u illegali;

(iv) Ir-raba' lament huwa li l-appellant m'għandux jirrispondi personalment għaliex huwa kien qiegħed jaġixxi "uffiċjalment" u għalhekk il-lamenti tar-rikorrent għandhom jiġu diretti kontra l-Korp tal-Pulizija;

Din hija teżi li din il-Qorti ma tikkondividix;

Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-Bniedem proprju għaliex bażiċi u fundamentali huma fuq livell ġerarkiku aktar għoli minn drittijiet oħra magħrufa għal, u fl-Ordinament Ġuridiku Tagħna. Huma drittijiet validi f'sens ġeneriku,

għalkemm mhux kollha *erga omnes* imma billi huma tali li ħafna drabi jistgħu jiġu vvjolati biss mill-Istat kif inhuwa organizzat fil-mument storiku li għaddejjin minnu, allura huwa l-Istat li fil-maġġoranza kbira tal-każi, irid jirrispondi inkwantu huwa mhux biss, ġeneralment il-perpetratur tal-vjolazzjonijiet, imma wkoll huwa ġeneralment (jekk mhux dejjem) il-garanti tad-drittijiet u tar-rimedji li għandhom iservu għall-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet – protezzjoni li meta falliet fil-passat trid tagħmel tajjeb bil-kumpens fil-preżent; li meta tkun se tfalli fil-preżent trid tiġi immedjatament riddrizzata u rikjamata għad-doveri tagħha fil-preżent, u inibita u stronkata meta l-minaċċja hija ravvisata għall-futur;

Uffiċjal governattiv irid dejjem jaġixxi skond il-liġi, meta hemm fin-nofs id-drittijiet u libertajiet fundamentali, u ma jistax jistaħba wara l-awtorità tas-superjuri billi – ebda ordni ta' dik l-awtorità ma tista' tiġġustifika vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Minħabba f'hekk għandha dejjem issir distinzjoni għar-rigward tar-responsabbilitajiet għall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali. Ir-responsabbilità ta' l-Istat hija diretta meta l-vjolazzjoni tkun l-effett tal-politika ta' l-Istat, u indiretta u garantistika meta tkun l-effett ta' l-operat illegali ta' l-impjegat. Għalhekk jirrispondi jew bħala esekutur prinċipali jew bħala garanti ta' l-impjegat tiegħu, billi f'dan ir-rigward m'għandux għad-disposizzjoni tiegħu d-difiża ta' l-operat illegali ta' l-impjegat ħlief meta l-kreditur jipprova l-"*culpa in eligendo*" ta' l-Istat fil-konfront ta' l-impjegat, li hija fornita mill-Kodiċi Ċivili imma mhux mill-Kostituzzjoni;

Ir-responsabbilità ta' l-impjegat tirrikorri biss meta huwa jaġixxi illegalment jew imur oltre dak li huma d-doveri leġittimi tiegħu. F'dan il-każ, *vis-a-vis* il-vittima huwa responsabbli u l-

Istat jiggarantixxi solidarjament dik ir-responsabbilità. Meta l-impjegat jaġixxi fl-ambitu ta' l-ordnijiet riċevuti mill-awtoritajiet superjuri tiegħu in esekuzzjoni tal-politika tagħhom allura r-responsabbilità diretta hija ta' dik l-awtorità u mhux aktar ta' l-impjegat. Ir-relazzjoni bejn l-impjegat u l-Istat hija konsegwenzjali għal dak li għandu kif ġie espost, skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt;

L-intimat appellanti fin-noti tiegħu jissottometti diversi limitazzjonijiet għar-rigward ta' dak "proċeduri kostituzzjonali speċjali riferibbli kontra l-Istat" u dan senjatament għaliex jeżistu azzjonijiet ordinarji skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt li jagħmlu tajjeb. Dan m'huwiex korrett. L-ewwelnett ma hemm ebda raġuni ġuridikament valida li tissufraga din il-kwalità ta' limitazzjoni. Anzi, drittijiet li huma ġuridikament ikkwalifikati bħala "fundamentali", li huma kkollokati f'posizzjoni ġerarkikament superjuri għal drittijiet oħra – loġikament jitolbu protezzjoni u implimentazzjoni pożittiva ħafna aktar ampja minn dawk tad-drittijiet komuni. Dak li l-Kostituzzjoni tikkontempla, u li jalludi għaliha l-appellant, m'hijiex limitazzjoni imma miżura ta' **ekonomija ġudizzjrja**; u ċjoè l-artikolu 46(2) jagħti l-fakoltà lill-Qorti li jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra. Huwa biżżejjed magħruf fl-istorja tad-Dritt, li diversi drittijiet fundamentali, sa l-ewwel nofs ta' dan is-seklu ma kinux rikonoxxuti jew ma kinux sanzjonati effikaċement;

Għalhekk dak li jissottometti l-appellant ma jistax jiġi aċċettat. Huwa riduttiv, limitattiv u ristrettiv tal-filosofija tad-drittjiet u libertajiet fundamentali u ma jsib ebda konfort jew

appoġġ f'xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni;

14. Għal dak li jirrigwarda l-interessi fuq il-kumpens dawn għandhom jiddekorru biss mid-data tas-sentenza appellata kif spjegat fis-sentenza fil-kawża konnessa ma' din fuq ir-rikors ta' Vincent Vella;

15. Għal dawn ir-raġunijiet, in aġġunta ma' dawk li hemm fis-sentenza appellata (barra dik il-parti żgħira li minnha iddiskostat din il-Qorti fis-sentenzi tagħha kemm hawn, kif ukoll fil-kawża konnessa) l-appell ta' l-intimat Carmelo Bonello qed jiġi miċħud u s-sentenza kkonfermata, kif però rriformata għar-rigward ta' l-interessi li għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux mit-2 ta' Diċembru, 1983;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza kif regolati, dawk ta' dan l-appell għall-appellant barra dawk ta' l-intimat l-ieħor – jekk hemm – li jibqgħu a karigu tiegħu.